KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 97/2019

**15 ta' Jannar, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Noyah Spiteri – Kunsilliera

**SKUZATI:**
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 97.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

97.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli u li permezz taghha, l-istess Sur Belli talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta ghal ragunijiet ta' sahha. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cachia Belli kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

97.1.2 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsillier James Cauchi u li permezz taghha, l-istess Sur Belli talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta ghal ragunijiet ta' sahha. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cachia Belli kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

97.2.2 Il-minuti ta' seduta numru 96 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

97.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

97.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

*F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta il-Kunsilliera Noyah Spiteri ( 18:10)*

## 97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

97.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall waqt l-istess seduta.

97.3.2 Is-Sindku infirmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet rigward progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jevalwa li jimplimenta f'tarag it-Tarznari l-Antiki. Fir-rigward, kienu qieghdin jingabru stimi u jsiru l-preparamenti preliminari sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-progett jigi implimentat.

97.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' Arms Ltd. u l-Assocjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali rigward il-possibilita' li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jithallsu mill-ufficini tal-Kunsilli Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet

tghid illi kemm il-darba tigi accettata kienet iddiskutiet mas-Segretarju Ezekuttiv l-arrangamenti amministrattivi mehtiega.

97.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqhga li l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet zammet rigward riforma tas-swieq fil-berah li kienet qieghda tigi diskussa mill-Gvern Centrali

97.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' kont pendenti li kien intbaghat mill-Cleansing and Maintenance Department lill-Kunsill Lokali, minhabba ragunijiet ta' natura legali kien ser ikun qieghed jigi mhallas. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kien ser ikunu qieghed jevalwa l-possibilita' illi permezz ta' ittri legali jirkupra l-ispejjez

## 97.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

97.4.1 Ma kienx hemm.

## 97.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

97.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru01/19) ghall-approvazzjoni.

97.5.2 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

97.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar Dicembru 2018 ghall-approvazzjoni.

97.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Antonia Perini ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 97.6 Pjan ta' hidma ghal tliet snin (2019-2021)

97.6.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' pjan ta' hidma ghal tliet snin ghall-perjodu 2019-2021. Is-Sindku ghaddiet sabiex taqra u tispjega dak li kien qieghed jigi propost li jigi implimentat fil-perjodu kkoncernat.

97.6.2 Wara diskussjoni libera dwar il-materja, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku

ssekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

**97.7 Sejhiet ghall-offerti**

97.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-kuntrattur tas-Soft Areas kien ser jaghlaq f'Mejju 2019, u ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv kien gibdilha l-attenzjoni li kien jinhtieg li jigi avvjat il-process sabiex tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

97.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara d-decizjonijiet li kien ha l-Kunsill Lokali f'seduta precedent, kien gie ffirmat il-kuntratt dwar xiri ta' fanali ornamentali ( wara li ma kien hemm ebda appell) u kien wasal biex jigi konkluz il-process sabiex jigi iffirmat kuntratt b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghall-gbir ta' skart goff.

**97.8 Mozzjonijiet**

97.8.1 Mozzjoni numru 01/2019

*Qed nipproponi li l-Kunsill Lokali jiehu hsieb inehhi 'sleeping police', li hemm quddiem garage nru.1, Triq Santa Margerita, Bormla, peress li din qieghda tikkaguna problemi lis-sidien tal-garage in-kwistjoni tant li kull darba li jaghmlu uzu minnu, qed jahbtu l-qiegh tal-vettura mieghu*

Proponent ; Alison Zerafa Civelli
Sekondant ; Ivan Agius

Il-mozzjoni giet approvata b'votazzjoni unanima mill-membri prezenti

97.8.2 Mozzjoni numru 02/2019

*Nixtieq nipproponi li l-Kunsill Lokali jikkunsidra li minflok jintuzaw ammont kbir ta' karti waqt is-seduta, l-Kunsill Lokali jinvesti u jipprovdi tablets jew notepads lil kull kunsillier sabiex innaqqsu l-ammont kbir u hela ta' karti li kif nafu ahna l-karti wara ma naghmlux uzu minnhom.*

*Qed nipproponi dan bil-ghan li anke ahna l-kunsilliera jkollna komunikazzjoni ahjar bejnietna. Naghmilha cara fejn l-istess tablet jew notepad ikun proprjeta' tal-Kunsill, ahna naghmlu uzu biss minnu diment li nkunu ghadna parti minn din il-legislatura jew f'din li gejja.*

*Apparti li b'din l-inizjativa ser ikunu qiehdin nibzghu ghall-ambjent, il-Kunsill*

*Lokali nemmen li jista' jiffunazjona b'aktar efficjenza*

Proponent ; Noyah Spiteri
Sekondant ; Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni giet approvata b'votazzjoni unanima mill-membri prezenti

## 97.9 Laqgha Annwali tal-lokalita' 2018

97.9.1 Il-Minuti tal-laqgha generali annwali li kienet inzammet nhar l-14 ta' Dicembru 2017 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

97.9.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-Kunisll Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

97.9.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi minhabba nuqqas ta' attendenza mir-residenti, ma kien hemm ebda ilment jew suggeriment li gie mressaq u li seta' jigi diskuss.

## 97.10 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv

97.10.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv. Is. Sa-Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kienet qieghda tirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli sskonedata mis-Sur Roderick Mamo il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Hall jinghata 10% bhala *performance bonus.*

## 97.11 Attivitajiet

97.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar jekk il-Kunsill Lokali kellux jorganizza t-tieni edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival matul l-2019. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi minkejja li l-applikazzjoni li kienet giet sottomessa kienet tkopri perjodu ta' tliet snin, il-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ikkommetta ruhu finanzjarjament ghall-ewwel sena biss u kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' ta' finanzjament tat-tieni sena.

97.11.2 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kemm il-darba jkun possibbli, galadarba l-

attivita' fl-ewwel edizzjoni giet meqjusa bhala success, l-attivita' kellha terga' tittella' matul l-2019. Fir-rigward, kellha tintalab stima lill-kordinatur li kien hadem mal-Kunsill Lokali fis-sena precedenti bil-ghan illi titkompla l-kollaborazzjoni li kien hemm.

**97.12 Tismija ta' Toroq**

97.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi wara laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-kumitat ghat-tismija tat-toroq kien irrizulta li kien hemm numru ta' toroq fil-lokalita' li kienu ghadhom ma' inghatawx isem. Wara li elenkat it-toroq in-kwistjoni, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-lista kellha tigi ccirkolata permezz ta' e-mail bil-ghan li l-Kunsilliera jkunu jistghu jressqu l-proposti taghhom.

**97.13 Grawnds Peppi Delceppo**

97.13.1 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali zewg abbozzi ta' kuntratti li kellhom jigu ffirmati bejn il-Kunsill Lokali, Palumbo Malta Shipyards Ltd. u VBGL Ltd. ghat-trasferiment tal-pussess tal-progett ta' grawnds Peppi Delceppo. Wara li inqraw id-dettalji tal-kuntratti, kien hemm qbil bejn il-kunsilliera prezenti illi z-zewg dokumenti kellhom jigu approvati minghajr emendi min-naha tal-Kunsill Lokali.

97.13.2 Is-Sindku qalet illi fil-frattemp, flimkien mal-amministrazzjoni kienet hadmet sabiex jigi abbozzat document ta' sejha ghall-offerti ghax-xogholijiet fi grawnds Peppi Delceppo, liema abbozz gie mressaq fuq il-mejda tal-Kunsilll Lokali u eventwalment approvat bi qbil unanimu. Gew decizi ukoll min kellhom ikunu l-ufficjali li kellhom ikunu assocjati mas-sejha ghall-offerti u cioe' l-evalwaturi u l-*opening staff*.

**97.14 Rapporti**

97.14.1 Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi kellha tigi accettata talba ghal hlas mill-kazin tal-Banda San Gorg. Dan wara li l-Kunsill Lokali kien ibbukkja s-sala tal-kazin bil-ghan li tittella' attivita' mill-Kunsill Lokali liema attivita' kienet thassret fl-ahhar hinijiet minhabba nuqqas ta' partecipazzjoni.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi b'konnessjoni ma' nuqqas ta' attendenza, il-Vici-Sindku kien qieghed jigi moghti koncessjoni jirregolarizza s-

sitwazzjoni

- Gie deciz illi l-haddiema assenjati u l-impjegati tal-Kunsill Lokali kellhom jigu moghtija l-opportuntia’ li jattendi ghal sessjonijiet ta’ tahrig dwar fire fighting u first aid, liema sessjonijiet il-Kunsill Lokali gie infurmat bihom permezz ta’ Cirk2019/006 mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali.
- Kien hemm qbil li *bin-on-wheel* li kien hemm fi Kwartier San Nikola kellha titnehha minhabba diversi kazi ta’ abbuzi li qieghed ikun hemm.
- Minhabba ragunijiet legali, gie deciz illi ma setghetx tigi milqugha talba ghal donazzjoni mill-klabb tar-regatta tal-lokalita’.
- Kellha tinghata gwida lill-kazin tal-Banda San Gorg rigward hsarat strutturali li kellhom fil-binja amministrativa.

**97.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss**

97.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta’ Frar 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 12 ta’ Frar, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |